

32007D0030

13.1.2007

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 8/59

## DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-22 ta' Diċembru 2006

**li tfassal miżuri tranżitorji għall-kummerċjalizzazzjoni ta' ċerti prodotti li joriġinaw mill-annimali miksuba fil-Bulgarija u r-Rumanija**

(notifikat bid-dokument numru C(2006) 7028)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2007/30/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat it-Trattat ta' l-Adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 4(3) tiegħu,Wara li kkunsidrat it-Trattat ta' l-Adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija <sup>(2)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 42(3) tiegħu,

Billi:

(1) Mill-1 ta' Jannar 2007, prodotti li joriġinaw mill-annimali miksuba fil-Bulgarija u r-Rumanija (l-Istati Membri l-ġodda), għandhom jitqiegħdu fis-suq skond ir-regoli rilevanti tal-Komunità b'mod partikolari fir-rigward ta' l-istruttura ta' l-istabbilimenti u l-iġjene tagħhom u l-kontroll u l-immarkar sanitarju tal-prodotti.

(2) B'mod partikolari, dawn il-prodotti għandhom ikunu soġġetti għar-reqwiziti stipulati fir-Regolament (KE) Nru 852/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar l-iġjene tal-prodotti ta' l-ikel <sup>(3)</sup> u r-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jistipula regoli speċifiċi ta' iġjene għall-ikel li joriġina mill-annimali <sup>(4)</sup>.

(3) Ċerti prodotti li joriġinaw mill-annimali miksuba mill-Bulgarija u r-Rumanija qabel l-1 ta' Jannar 2007 jistgħu jkunu f'ħażniet wara din id-data. Minkejja dan, dawn il-prodotti li joriġinaw mill-annimali jista' jkun li ma jikkonformawx mar-reqwiziti veterinarji kollha tal-Komunità.

<sup>(1)</sup> ĠU L 157, 21.6.2005, p. 11.

<sup>(2)</sup> ĠU L 157, 21.6.2004, p. 203.

<sup>(3)</sup> ĠU L 139, 30.4.2004, p. 1; verżjoni kkoreġuta (ĠU L 226, 25.6.2004, p. 3).

<sup>(4)</sup> ĠU L 139, 30.4.2004, p. 55; verżjoni kkoreġuta (ĠU L 226, 25.6.2004, p. 22.) Ir-Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2076/2005 (ĠU L 338, 22.12.2005, p. 83).

(4) Sabiex tiffaċilita it-tranżizzjoni mis-sistema attwali fil-Bulgarija u r-Rumanija għal dik li tirriżulta mill-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni veterinarja tal-Komunità, huwa xieraq li jiġu stipulati miżuri tranżitorji għall-kummerċjalizzazzjoni ta' dawn il-prodotti.

(5) Dawn il-miżuri għandhom iqisu l-orijini ta' dawn il-prodotti li joriġinaw mill-annimali kif ukoll il-ħażniet ta' materjal ta' tqartis u imballaġġ u tikketti li fihom marki stampati.

(6) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina ta' l-Ikel u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

## Artikolu 1

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika għal prodotti li joriġinaw mill-annimali li:

(a) jaqgħu fi ħdan l-ambitu tar-Regolament (KE) Nru 853/2004; u

(b) inkisbu fi stabbilimenti fil-Bulgarija u r-Rumanija sal-31 ta' Diċembru 2006

## Artikolu 2

1. Prodotti msemmija fl-Artikolu 1 jistgħu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2007 jitqiegħdu fis-suq ta' l-Istati Membri l-ġodda ta' oriġini sakemm dawn għandhom il-marka nazzjonali preskritta f'dan l-Istat Membru qabel l-1 ta' Jannar 2007 għal prodotti li joriġinaw mill-annimali li huma tajbin għal konsum uman.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw, skond id-Direttiva tal-Kunsill 89/662/KEE <sup>(5)</sup> u b'mod partikolari l-Artikolu 3 tagħha, li prodotti msemmija fil-paragrafu 1 ma jiġux kummerċjati fost l-Istati Membri.

<sup>(5)</sup> ĠU L 395, 30.12.1989, p. 13.

*Artikolu 3*

Bħala deroga mill-Artikolu 2(1), l-Istati Membri għandhom mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2007 jawtorizzaw il-kummerċ fil-prodotti msemmija fl-Artikolu 1 li nkisbu fi stabbilimenti awtorizzati għall-esportazzjoni lejn il-Komunità sakemm il-prodotti:

- (a) għandhom il-marka sanitarja ta' l-esportazzjoni jew il-marka ta' identifikazzjoni tal-Komunità kif previst fl-Artikolu 5(1) tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 ta' l-istabbilimenti kkonċernati;
- (b) huma akkumpanjati minn dokument kif previst fl-Artikolu 14 tar-Regolament (KE) Nru 854/2004 <sup>(1)</sup> li fih l-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru l-ġdid tiċċertifika dan li ġej:

“Prodott qabel l-1 ta' Jannar 2007, b'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni K(2006)7028 finali”.

*Artikolu 4*

Ħażniet ta' materjal stampat mill-ġdid ta' tgeżwir u tqartis u tikketti li għandhom il-marka preskritta fl-Istat Membru l-ġdid

ta' oriġini qabel l-1 ta' Jannar 2007 għal prodotti li joriġinaw mill-annimali li huma tajbin għal konsum mill-bniedem, jistgħu jintużaw sal-31 ta' Diċembru 2007, għat-tqegħid fis-suq domestiku kif previst fl-Artikolu 2.

*Artikolu 5*

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika soġġetta għad-data tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' l-Adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija u tibda tgħodd minnha.

*Artikolu 6*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, 22 ta' Diċembru 2006.

*Għall-Kummissjoni*

Markos KYPRIANOU

*Membru tal-Kummissjoni*

<sup>(1)</sup> ĠU L 139, 30.4.2004, p. 206; verżjoni kkoreġuta (ĠU L 226, 25.6.2004, p. 83) Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2076/2005 (ĠU L 338, 22.12.2005, p. 83).